

# Żmien Sabiħ li ma ninsa qatt

Aronne Sultana

Nipprova niftakar, wara ħafna snin, ix-xogħol kbir li sar fil-Parroċċa ta' Marija Bambina tal-Mellieħa, mill-iskulturi Karmnu Cini u ibnu Leli.

Kien fl-1968 meta l-iskulturi ġew Malta sabiex jagħmlu l-frontispizju tar-Rotunda tal-Mosta fuq is-sagristija. Meta x-xogħol kien wasal kwazi fi tmiemu, Karmnu ġie avviċinat mill-kappillan tal-Mellieħa, li dak iż-żmien kien Dun Ġużepp Schembri, sabiex isir xogħol fit-twieqi tal-korsija tal-Knisja tal-Mellieħa. Tajjeb wieħed ikun jaf li l-gwarniċun tal-Knisja kien sar fi żmien il-Kappillan Franġisku Xuereb fl-1946 mill-iskultur Ġużeppi Agius minn Għawdex, u ma' dan xi xogħol ieħor.

Dan ix-xogħol ġie wara raffinat u xi xogħol anke mibdul minn Karmnu Cini u ibnu Leli. Meta x-xogħol fuq it-twieqi tlesta, (jien niftakar li kont ħallast għal tieqa minnhom), jien flimkien ma' oħrajn interessati fix-xogħol, ħajjarna l-Kappillan Schembri biex ikompli x-xogħol fil-Knisja Parrokkjali.

Ix-xogħol tad-disinn tas-saqaf tal-knisja u l-kappelluni daħal għalih is-Sur Ġorg Fenech u flimkien mal-iskultur Karmnu u ibnu nbeda x-xogħol li kien jitlob sengħa u ħila kbira. Id-dehra tax-xogħol bdiet turi li kienet waħda ta' ġmiel li ssaħħrek.

Wara dan ix-xogħol beda x-xogħol tal-koppla tal-knisja minn ġewwa u minn barra u żdiedu wkoll tmien kuppletti, fuq disinn tal-iskultur Leli Cini. Dawn ġew maħduma mir-ramel tal-barriera li hemm l-Armier u li minnha nqata' l-ġebel għall-bini tal-Knisja.

Barra minn dan li semmejt, saru wkoll xogħlijiet fil-bibien u l-ħames niċeċ għall-istatwi u b'hekk għandna knisja l-ġmiel tagħha.

Periti Franċizi, Taljani, Ingliżi u Ġermaniżi, kollha kellhom tifħir għax-xogħol sabiħ li sar u kollha kienu kelma waħda, "Araw li ma tmissux il-knisja b'xi żebgħa, għax il-knisja titlef il-preġju tagħha!"

Wara dan ix-xogħol artistiku, il-knisja ġiet invjata minn ġewwa. Jien illum għandi tmenin sena iżda bdejt ninteressa ruħi fil-knisja sa minn meta kont abbati fl-istess knisja. Ix-xewqa tiegħi dejjem kienet li nara s-sagristija u z-zukklatura tal-irħam minn ġewwa biex b'hekk dan il-maqdes ikun komplut.

Issa ta' min isemmi x-xogħol ta' restawr li sar fuq barra.

Dak iż-żmien jien kont organizzajt grupp ta' żgħażagħ u flimkien ħdimna mal-iskultur Leli Cini, fejn bdilna s-salib tal-koppla, qlajna t-taraġ li kien hemm fil-bieqja tal-koppla u restawrajna l-kampnari u l-qniepen. B'dan ix-xogħol kollu li sar, lill-parroċċa ffrankajnielha eluf kbar ta' liri. F'kull xogħol li sar, dejjem kont inkun minn ta' quddiem biex nagħti l-kontribut tiegħi minn qalbi kemm fix-xogħol kif ukoll fil-finanzi. Mix-xatt tal-Belt kont inġib is-siment abjad u l-ġibs li kien ikun hemm bżonn għax-xogħol mingħand Vadalà. Niftakar ukoll meta ġejna biex intellgħu l-erba' lunetti fuq ġewwa, liema lunetti kont ġarrejthom jien bil-vann tiegħi.

Saru wkoll l-erba' statwi tal-faċċata, Mosè u Elija, piż ta' tlettax-il tunnellata 'l waħda flimkien ma' dawk ta' Sant'Anna u San Ġwakkin, kollu xogħol bil-konkos abjad tal-iskultur Ġanni Bonnici mill-Mosta. L-istatwi ż-żgħar ġew imħallsin mill-familja Sultana u l-Perit Carm Lino Spiteri.

Dan kien il-każ tat-tlugħ tal-istatwi.

Perit Ingliż mar sab lill-Kappillan Ġużeppi Schembri u qallu li jkun unur għalih kieku jtella' f'posthom l-istatwi ta' Mosè u ta' Elija. Il-Kappillan ħa gost bil-proposta u serraħ rasu għal ftit, minn dik il-biċċa xogħol xejn ħafifa.

Xahar wara, dan l-istess perit Ingliż, reġa' kellem lill-Kappillan u qal li jiddispjaċih li dak li xtaq ma setax isir għax ma kinux instabu l-għodda u l-apparat meħtieġ biex jitwettaq dak ix-xogħol. Leli kien pinġieli fil-kappellun ta' San Pawl kif irid isir ix-xogħol biex jittellgħu l-istatwi.

Issa addio l-perit Ingliż! Il-Kappillan Schembri sabni u qalli biex inkellmu lil Leli, għax l-istatwi kienu se jibqgħu fl-art. S'intendi, jien m'għedtlux le lill-Kappillan u t-tnejn li aħna tlajna fuq il-koppla fejn Leli u missieru kienu qegħdin jirrestawraw il-koppla - kien il-ħin ta' nofsinhar, niftakar. Lil Leli u lil missieru għednielhom bil-biċċa tal-perit Ingliż li fellaq.

Leli kien pront qalli li jekk il-perit Ingliż ma wasalx, se naslu aħna biex intellgħu l-istatwi! Lil Leli weġibtu li jekk mhux rispett tagħna, rispett ta' Marija Bambina u tal-Mellieħin. Fi ftit kliem, Leli aċċetta li jtellagħhom. Bil-għajnuna ta' ħafna kuntratturi Mellieħin u bil-għaqal ta' Leli u missieru, l-istatwi ttellgħu u dak li ma sarx mill-perit Ingliż, sar minn Leli li dak iż-żmien kien għadu daqsxejn ta' tfajjel.

Niftakar dakinhar li ttellgħu Mosè u Elija, iltqajna għand il-Kappillan għal bibita u dak il-ħin stess inġabru l-flus għall-istatwi S. Anna u S. Ġwakkin biex saru dawn ix-xogħlijiet.

Għandi l-unur ngħid li jien, flimkien ma' Mellieħin oħra, ġbarna ħafna flus għal dan ix-xogħol u b'hekk iffrankajna lill-Knisja ta' Marija Bambina eluf ta' liri. Dan ix-xogħol kollu ta' tbatija u sogru sar bla ebda inċidenti. Karmnu l-iskultur u ibnu Leli ħadmu mal-Kappillani tal-parroċċa, Dun Ġużepp Schembri għal tlettax-il sena, Dun Alfred Camilleri, u wara Leli kompla ma' Dun Karm Tanti u Dun Karm Mercieca u issa mal-Kappillan Mellieħi Dun Joe Caruana.

Ta' dan ix-xogħol kollu, kull min ħadem jistenna biss il-ħlas mingħand il-Mulej.

Viva Marija Bambina.

*Żuru l-'website' tagħna*
**www.imperialbandclub.com**
**Ikkuntattjana fuq *e-mail*:**
**info@imperialbandclub.com**

